MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 263/16LM

**Joseph Fenech (K.I. 33465M)**

***vs.***

**Carlos Falzon (K.I. 551386M) u b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2016 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* is-soċjetà Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' April, 2016 mill-attur **Joseph Fenech** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

***Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett tal-Kawża u l-Fatti***

1. *Illi nhar is-seba' u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena' elfejn u erbgħtax (2014), għal ħabta ta' sitta ta' filgħaxija (6:00pm), ir-rikorrent Joseph Fenech kien*

*qiegħed għaddej bil-pass biż-żiemel tiegħu bl-isem Pronto Lys permezz ta' xarretta ġewwa Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala;*

2. *Illi dakinhar l-intmat Carlos Falzon kien qiegħed issuq l-vettura tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni FBW 415 fl-istess direzzjoni u dak il-ħin* (sic);

3. *Illi b'imprudenza, imperizja, negliġenza, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti l-intimat Carlos Falzon baqa' dieħel ġox-xarretta li kien qiegħed isuq ir-rikorrent bil-vettura li huwa kien qiegħed isuq u tajjar lir-rikorrenti biż-żiemel tiegħu b'kollox;*

4. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident kemm ir-rikorrent kif ukoll iż-żiemel tar-rikorrenti sofrew ġrieħi ta' natura gravi u eventwalment iż-żiemel tiegħu kellu jitraqqad ukoll;*

5. *Illi l-attur kien xtara iż-żiemel tiegħu bl-isem Pronto Lys xi sentejn qabel l-inċident versu l-prezz ta' disgħat elef Euro (€9,000);*

6. *Illi għal inċident u d-danni konsegwenzjali kien jaħti unikament l-intimat Carlos Falzon minħabba li huwa kien qiegħed isuq b'imprudenza, imperizja, negliġenza, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kif ukoll minħabba li huwa naqas milli jżomm a proper lookout;*

***Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri***

7. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrent sofra ħsarat damnum emergens, liema ħsarat kienu jikkonsistu inter alia f'spejjeż mediċi, ħsarat fix-xarretta u t-tagħmir taż-żiemel, kif ukoll l-ispejjeż mediċi u l-eventwali traqqid taż-żiemel tar-rikorrent kif ukoll spejjeż u ħsarat oħra kif ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

8. *Illi b'konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab ir-rikorrent fl-istess inċident, huwa sofra ukoll danni lucrum cessans minħabba debilità permanenti;*

9. *Illi b'konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab iż-żiemel tar-rikorrent fl-istess inċident huwa kellu jitraqqad u għalhekk ir-rikorrent sofra ukoll danni lucrum cessans minħabba li tali żiemel kien jintuża sabiex itellaq b'mod kompetittiv u għaldaqstant għal fini ta' lukru;*

10. *Illi għalkemm l-intimat kien debitament interpellat sabiex jagħmel* (recte) *tajjeb għad-danni li sofra r-rikorrent, permezz ta' ittri legali ta' nhar it-tnax (12) ta' Jannar elfejn u ħmistax (2015) u l-ittra uffiċjali ta' nhar 3 ta' Frar, 2016 huma baqa' inadempjenti;*

11. *Illi r-rikorrent jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;*

***Talbiet***

*Jgħid ir-rikorrent prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fis-seba' u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħatax (2014), għal ħabta ta' sitta ta' filgħaxija (6:00pm) fejn ġie mtajjar ir-rikorrent ġewwa Marsaskala ġara minħabba traskuraġni, imprudenza, nuqqas ta' proper lookout u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat;*

2. *Tiddikjara lill-intimat responsabbli għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrent;*

3. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra legali ta' nhar it-tnax (12) ta' Jannar elfejn u ħmistax (2015) u l-ittra uffiċjali ta' nhar it-3 ta' Frar, 2016 u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.*[1]

---

[1] Ġew esebiti flimkien mar-Rikors Maħluf kopja tar-rapport tal-Pulizija, *a fol.* 6 sa 8; kopja ta' ittra ta' Melita Power Diesel Limited dwar telf ta' xogħol tal-attur, *a fol.* 9; kopja ta' *invoice,* irċevuta ta' *Vets on Wheels, a fol.* 10 u 11; kopja ta' ċertifikati veterinarji, *a fol* 12 u 13; kopja ta' rċevuta tal-*walsh harnessleather, a fol.* 14; kopja ta' irċevuti ta' spejjeż mediċi *a fol.* 15; ritratti tal-ġrieħi u ħsarat, *a fol.*16 sa 18; ċertifikat ta' Dr Mario Vassallo, *a fol.* 19; *case summary* tal-isptar datat 30.07.2014, *a fol.* 20 sa 22; *case summary* tal-isptar datat 02.08.2014, *a fol.* 23 u 24; ċertifikat mediku datat 27.07.2014 ta' Dr. Aimalohi Giwa-Amu, *a fol.* 25; kopja ta' rċevuta tal-*mobile, a fol.* 26; u kopja tal-ittra uffiċjali datata 03.02.2016, *a fol.* 27.

Rat illi l-konvenut **Carlos Falzon** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") għad li ġie debitament notifikat fit-18 ta' April, 2016, naqas li jippreżenta risposta maħlufa u għalhekk huwa kontumaci għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2016 fejn awtorizzat lis-soċjetà Citadel Insurance p.l.c. tintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur Joseph Fenech permezz ta' din il-kawża qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li huwa sofra waqt inċident stradali li seħħ fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala fis-27 ta' Lulju, 2014, filwaqt li huwa kien għaddej isuq żiemel bl-isem ta' Pronto Lys riekeb fuq xarretta meta ġie imtajjar mill-konvenut Carlos Falzon li kien qed isuq il-vettura BMW, bin-numru ta' reġistrazzjoni numru FBW 415, liema vettura kienet

ġejja mill-istess direzzjoni tal-attur. L-attur isostni li dan l-inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, imprudenza, nuqqas ta' *proper lookout* u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Min-naħa tiegħu l-konvenut għad li kien debitament notifikat, ma ppreżentax risposta maħlufa u baqa' kontumaċi u qatt ma deher għas-smigħ quddiem il-Qorti. Ġiet ammessa fil-kawża *in statu et terminis*, is-soċjetà tal-assigurazzjoni Citadel Insurance p.l.c. li kienet ikkanċellat il-polza ta' assigurazzjoni tal-konvenut minħabba ksur da parti tal-assigurat tagħha tal-*uberrimae fidei.* Peress li l-attur xorta waħda kien intima lis-soċjetà Citadel Insurance p.l.c. permezz ta' ittra uffiċjali biex tersaq għall-ħlas tad-danni, din kellha interess tintervjeni fil-kawża odjerna.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

*Ir-responsabbiltà għall-inċident*

Mir-rapport tal-Pulizija ppreżentat mill-attur flimkien mar-Rikors Maħluf[2], jirriżulta li l-konvenut ma kienx waqaf meta seħħ l-inċident u baqa' sejjer. Il-konvenut stqarr mal-Pulizija li beża' jieqaf għaliex kien fuq *probation* in konnessjoni ma' serq. Sussegwentement il-konvenut mar f'għassa tal-pulizija biex jirrapporta l-inċident. Meta kienu kellmuh l-Pulizija, hu ddeskriva l-inċident billi qal li kien qed isuq lejn iż-Żejtun, fi Triq id-Daħla San Tumas:

[2] *A fol.* 7 u 8.

> "u sab ma' wiċċu s-serkin, u kif ipprova jżomm il-*brake,* il-vettura telqitlu bil-konsegwenza li laqat is-serkin,..."

Skont l-istess rapport, l-attur stqarr mal-Pulizija meta kellmuh l-isptar Mater Dei l-għada tal-inċident fit-tlieta ta' filgħodu, li:

> "huwa kien tiela' fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fid-direzzjoni taż-Żejtun u f'daqqa waħda ħass daqqa kbira u spiċċa imtajjar minn fuq is-serkin."

L-attur **Joseph Fenech** xehed[3] illi kien jagħti liż-żiemel tliet kwarti kuljum xogħol bil-pass, ħlief meta jtellaq jew ikun *training* il-Marsa. Dakinhar tal-inċident fis-27 ta' Lulju 2014, fis-sitta ta' filgħaxija, kien għaddej biż-żiemel rikeb fuq ix-xellug tax-xarretta biex kemm jista' jkun iżomm iż-żiemel fuq ix-xellug lejn il-bankina. L-attur wera permezz ta' ritratti[4] li juru li fil-post fejn seħħ l-inċident it-triq qiegħda b'żewġ kareġġjati, b'direzzjoni waħda kontra l-oħra. L-attur jgħid li għalkemm hu kien liebes *vest* kulur aħdar jixgħel, ġie minn warajh il-konvenut bil-vettura tiegħu u baqa' dieħel ġo fih eżatt fin-nofs tal-xarretta. Mad-daqqa l-attur għola u ħabat rasu mal-ħajt tas-sejjieħ u ż-żiemel tiegħu spiċċa mixħut mal-art. Wara d-daqqa s-sewwieq tal-BMW lanqas indenja ruħu jieqaf. Mad-daqqa l-konvenut ħalla warajh il-pjanċa bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-BMW tiegħu.

Is-Surġent Maġġur tal-Pulizija **Eugenio Caruana**[5] jgħid li għall-ewwel irriżulta li kemm l-attur u kemm iż-żiemel tiegħu kellhom ġrieħi ħfief u l-attur ma riedx li jittieħdu passi kriminali kontra l-konvenut billi ffirma dikjarazzjoni.[6]

[3] Affidavit *a fol.* 35 sa 37.
[4] *A fol.* 39 u 40.
[5] *A fol.* 84 sa 91 u 108 u 109.
[6] *A fol.* 116.

Ix-xhud kien ġie infurmat mill-attur li kien laħaq ftehim mal-konvenut li kellu jagħmillu tajjeb għall-ħsarat u għalhekk ma kinux ittieħdu passi mill-Pulizija. Ix-xhud jgħid li xi sena u nofs wara kienu nbdew proċeduri kriminali mill-Pulizija wara li l-attur biddel il-ħsieb tiegħu għax qallu li l-konvenut ma mexiex ta' raġel miegħu għax ma kienx ħallsu tal-ispejjeż.

Is-Surġent Maġġur Eugenio Caruana esebixxa ritratti li ttieħdu mill-Pulizija tal-vettura tal-konvenut[7], li juru li din il-vettura kellha ħsara fuq quddiem, speċjalment fuq in-naħa tax-xellug. Dan ix-xhud esebixxa wkoll ritratti li juru x-xaretta tal-attur milquta u danneġġjata fuq il-post tal-inċident. Kemm is-Surġent Maġġur Eugenio Caruana u kemm **il-Kuntistabbli PC381 Jonathan Farrugia**[8] fix-xhieda tagħhom ikkonfermaw li mad-daqqa l-konvenut ħalla warajh fuq il-post tal-inċident il-pjanċa bin-numru tar-reġistrazzjoni ta' quddiem tal-vettura tiegħu.

*Damnum emergens*

L-attur Joseph Fenech jispjega d-danni li jgħid li sofra konsegwenza tal-inċident *de quo*.[9] Meta bid-daqqa safa mtajjar minn fuq ix-xarretta, l-attur spiċċa bil-*mobile* tiegħu imkisser u fil-fatt esebixxa rċevuta tal-*mobile* li xtara mill-ħanut Dual Zone għas-somma ta' €30, li hija datata 29 ta' Lulju, 2014, ċjoè jumejn wara l-inċident.[10] Fl-inċident sfat mkissra wkoll ix-xarretta, kif ikkonferma l-attur fix-xhieda tiegħu, liema xarretta mkissra

[7] *A fol.* 110 sa 115.
[8] Xhieda *a fol.* 92 sa 96.
[9] *A fol.* 36 u 37.
[10] *A fol.* 26 u *a fol.* 72.

tidher fir-ritratti *a fol.* 16, 17, 18, 56 u 57 tal-proċess esebiti mill-attur u tidher ukoll fir-ritratti *a fol.* 113 u 115 li ġew ippreżentati mis-Surġent Maġġur **Eugenio Caruana** u li kien ħa huwa stess fuq il-post tal-inċident.[11] Jirriżulta li diversi partijiet minn din ix-xarretta sfaw mkissra konsegwenza tal-inċident. L-attur ippreżenta stima mhux datata ta' kemm tiswa xarretta bħal tiegħu ġdida, fis-somma ta' €900, liema stima saret minn Christopher Vassallo.[12] **Christopher Vassallo** xehed li hu jirranġa x-xarretti u jaħdimhom ġodda, però qal illi ma kienx ra x-xarretta tal-attur wara l-inċident.[13] L-attur ma ressaqx provi dwar jekk ix-xarretta tal-attur spiċċatx *total loss* b'konsegwenza tal-inċident jew setgħetx fil-fatt tissewwa.

Tqis li għad illi huwa probabbli ħafna li ċerti partijiet mix-xarretta ma setgħux jissewwew wara l-impatt bid-daqqa tal-karozza tal-konvenut, iżda l-attur naqas jindika x'għamel bix-xarretta li kellu u jekk irkuprax xi ħaġa minnha. Tenut kont ta' din il-mankanza fil-provi mressqa mill-attur, il-Qorti qiegħda tirriduċi *arbitrio boni viri* l-istima ta' dawn id-danni li ġarrab l-attur għas-somma ta' €650. Barra minn hekk l-attur fix-xhieda tiegħu jgħid li kawża tal-inċident tqatta' wkoll ix-xedd taż-żiemel (*harness)* u esebixxa ritratti tax-xedd taż-żiemel imqatta'.[14] L-attur esebixxa wkoll stima ta' *walsh harness leather* bħalma kellu hu, maħruġa mill-istabbiliment Malta Equine Services fis-somma ta' €944.[15] Din l-istima li tirreferi għal w*alsh harness leather* ġdida u mhux użata, ġiet ikkonfermata minn **Silvio Schembri**[16], sid l-istabbiliment li kkonferma wkoll mir-ritratti illi l-istima kienet tagħmel

---

[11] *A fol.* 108.
[12] *A fol.* 58 u *a fol.* 272.
[13] *A fol.* 289 sa 293.
[14] *A fol.* 18 u 56.
[15] *A fol.* 14.
[16] *A fol.* 287 u 288.

riferiment għall-istess tip ta' w*alsh harness leather* li kellu l-attur meta seħħ l-inċident.

L-attur ippreżenta wkoll dokumentazzjoni li turi li ż-żiemel Pronto du Lys li kien xtara minn Franza, kien imħarreġ għat-tiġrijiet u kien jieħu seħem fit-tlielaq tal-Malta Racing Club.[17] L-attur jgħid illi konsegwenza tad-daqqa ż-żiemel sofra wkoll ġrieħi u tiċrit ġo ġismu. Il-veterinarju Dr Louis Borg fuq inkarigu tas-soċjetà assiguratriċi Citadel Insurance Limited, kien iċċertifika ż-żiemel tal-attur li ma kienx aktar tajjeb biex jieħu sehem fit-tiġrijiet tal-Marsa. L-attur jgħid li wara l-inċident iż-żiemel kien baqa' jzappap u b'dahru miġbud u bilkemm kien jista' jimxi u eventwalment fuq parir tal-veterinarju ż-żiemel ġie mraqqad. L-attur għalhekk qed jippretendi bħala danni lura l-miżati li ħallas għas-sena 2014 fis-somma ta' €440.[18]

**Alfred Spiteri**, clerk mal-Malta Racing Club, xehed li l-attur kien membru tal-*club*, ikkonferma l-irċevuta tal-miżati għas-sena 2014 u kkonferma li ż-żiemal tal-attur Pronto du Lys, ma pparteċipax aktar fi tlielaq wara Ġunju tal-2014.[19] Mil-lista ppreżentata mill-attur tat-tlielaq li ħa sehem fihom iż-żiemel tal-attur[20], jirriżulta li ż-żiemel twieled fil-11 ta' Marzu, 2003 u għalhekk kellu kważi 12-il sena meta seħħ l-inċident inkwistjoni. Jirriżulta wkoll li fis-snin 2011 - 2013 dan iż-żiemel kien itellaq sa Ġunju ta' kull sena, ħlief tiġrija waħda f'Lulju 2011 u żewġ tiġrijiet f'Diċembru, 2012. Skont id-dokument esebit minn Alfred Spiteri[21], fis-sena 2011 iż-żiemel tal-attur ħa

[17] *A fol.* 38, lista tat-tlielaq li ż-żiemel Pronto du Lys ħa sehem fihom hawn Malta; *a fol.* 44, dikjarazzjoni tas-sid preċedenti taż-żiemel li tikkonferma illi dan kien imħarreġ għat-tlielaq; u *a fol.* 45 sa 54, il-ktieb taż-żiemel iddepożitat mal-Malta Racing Club.
[18] Irċevuta tal-Malta Racing Club tal-miżati għas-sena 2014 *a fol.* 55.
[19] *A fol.* 282 sa 284.
[20] *A fol.* 38.
[21] *A fol.* 285.

sehem fi tmien tiġrijiet, fl-2012 f'sitt tiġrijiet, fl-2013 fi tmienja u fl-2014 sa Ġunju 2014 f'sitt tiġrijiet. Għalhekk ibbażat fuq x'għamel bħala medja l-attur fis-snin preċedenti, tqis illi huwa kien diġà utilizza parti sew mill-miżata għas-sena 2014 u ma jistax jippretendi rifużjoni tal-ammont sħiħ u għalhekk tqis illi mis-somma totali ta' €440, għandu jiġi kkumpensat għal kwart biss ta' din is-somma, u ċjoè €110.

L-attur qed jitlob rimbors tal-ispejjeż mediċi u konsultazzjonijiet li kellu jagħmel minħabba l-korriment taż-żiemel tiegħu. Skont ir-ritratti li ħadu l-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Animal Welfare, **Frans Mifsud**[22] u **Costantino Vassallo**[23] u skont ir-rapport li dawn għamlu[24], jirriżulta li ż-żiemel kellu feriti f'siequ u kellu bżonn il-punti fejn kellu feriti miftuħin. Skont l-irċevuti ppreżentati mill-attur[25] l-ispejjeż għas-servizzi veterinarji u mediċina jammontaw għal €220.

L-attur ippreżenta dikjarazzjoni tas-sid Franċiż li l-attur xtara ż-żiemel minn għandu għas-somma ta' €9,000[26], madankollu fil-ktieb taż-żiemel m'hemm xejn indikat dwar il-prezz li ħallas l-attur għaż-żiemel. L-attur qed jippretendi li għandu jitħallas is-somma kollha ta' €9,000. Imma ċertament irid jiġi kkunsidrat li ż-żiemel kien ġie mixtri erba' snin qabel. L-attur ġab provi inkonfutabbli tal-feriti li ġarrab iż-żiemel tiegħu fl-inċident inkwistjoni. Il-veterinarja Katiucha Gatt Galea fl-ewwel rapport tagħha tal-1 ta' Awwissu, 2014[27], issemmi l-ferita li kellu ż-żiemel fuq il-minkeb tax-xellug u

[22] *A fol.* 259 sa 261.
[23] *A fol.* 266 sa 268.
[24] Rapport *a fol.* 262 u ritratti *a fol.* 263 sa 265.
[25] *A fol.* 10 u 11.
[26] *A fol.* 44.
[27] *A fol.* 12.

n-nefħa fuq is-sieq tax-xellug u fir-rapport tagħha tal-5 ta' Awwissu, 2014[28], wara li ż-żiemel kien ingħata kors ta' *antibiotics* u *anti-inflammatories* u waqqfulu l-mediċini, jingħad:

> *"... the horse showed increased lameness in his left hind leg. Evidence suggests that injury is of a more serious nature and further diagnostic assessment is required."*

Fix-xhieda tagħha l-veterinarja **Katiucha Gatt Galea,** wara li tiddeskrivi l-feriti li kellu ż-żiemel eżatt wara l-inċident, tispjega l-istat taż-żiemel fl-aħħar viżita li għamlitlu fl-istalla tal-attur fl-1 ta' Awwissu, 2014:

> *"The horse was examined again on the 1st of August. There was de-hissing of the wounds on the elbow and shoulder, mainly due to the fact that the horse was reluctant to attempts of cleaning and medication of the area. The left fore fetlock was swollen secondary to the wounds. The owner, as instructed, had been administering antibiotics.*
>
> *The left hind leg showed a marked stiffness on the walk, and the horse stumbled briefly when turned to the left. The horse was reluctant to be examined well. It was explained to the owner that further diagnostic tests had to be made in order to find out the cause of the lameness in the hind leg as the location of the pain was not evident.*
>
> *The owner did not get in touch with the practice again as he explained he would be contacting his own vet."*[29]

L-attur ma ppreżenta l-ebda provi oħrajn dwar l-istat ta' saħħa taż-żiemel tiegħu wara l-vista li għamlet il-veterinarja Katiucha Gatt Galea fl-1 ta' Awwissu, 2014, ħlief li fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid li ż-żiemel baqa' sejjer lura u fuq parir tal-veterinarju, iż-żiemel kellu jitraqqad. Fuq punt daqstant

---

[28] *A fol.* 13.
[29] Affidavit *a fol.* 198.

importanti l-attur ma ressaqx l-aħjar prova li kellu jressaq, ċjoè x-xhieda tal-veterinarju li ta l-parir biex iż-żiemel jiġi mraqqad. L-attur ma ressaq ebda prova dwar meta u kif traqqad iż-żiemel u jekk ġiex mibjugħ għal-laħam tiegħu. Id-dokument bla data[30] li ressaq l-attur bħala prova tal-prezz li bih kien inxtara iż-żiemel, ma tantx jagħti affidabbilità għal din il-parti tax-xhieda tiegħu. L-attur flok ma ppreżenta dokumenti uffiċjali bħal *bank transfer*, polza tal-assigurazzjoni fuq iż-żiemel għal waqt il-ġarr tiegħu minn Franza, ippreżenta dikjarazzjoni miktuba bl-idejn minn xi ħadd li jikteb bil-Franċiż li jgħid li kien is-sid preċedenti taż-żiemel li biegħu lill-attur għas-somma ta' €9,000.

Filwaqt li għal dak li huwa grad probatorju, ir-regola ġenerali hija li minn jallega irid iġib l-aħjar prova, mhux dejjem dan ikun possibbli u għalhekk fil-kamp ċivili l-prova tista' ssir fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. Madankollu fil-każ preżenti l-aħjar prova kienet ċertament disponibbli għall-attur kemm in kwantu tal-prezz taż-żiemel li kien inxtara xi erba' snin qabel l-inċident, u skont l-attur għall-prezz sostanzjali ta' €9,000, u kemm inkwantu tal-parir li suppost ingħata mill-veterinarju biex iż-żiemel jiġi mraqqad. Dwar dan kollu l-attur ma ressaq ebda provi, u apparti minn hekk il-prezz taż-żiemel għall-età li kellu ta' tnax il-sena meta kien diġà għamel żmien twil itellaq fi Franza u erba' snin hawn Malta, żgur ma kienx fadallu valur daqshekk għoli. Barra minn hekk, tenut kont ta' dak li jgħid l-artikolu 559 tal-Kap. 12, li għandha issir l-aħjar prova li parti tista' ġġib, u ta' dak li jgħid l-artikolu 562 tal-Kap. 12 li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah, tqis illi dawn id-danni partikolari kif mitluba mill-attur ma ġewx ippruvati sal-grad li trid il-liġi. Madankollu l-Qorti qiegħda tiffissa *arbitrio boni viri* d-danni li sofra l-

[30] *A fol.* 44.

attur peress li ż-żiemel tiegħu ma baqax itellaq il-Marsa wara l-inċident, fis-somma ta' tliet elef euro (€3,000).

Illi għar-rigward tal-ispejjeż mediċi inkorsi mill-attur, li mir-ritratti esebiti[31] u mid-dokumentazzjoni tal-isptar[32] jirriżulta li dawn kienu tabilħaqq neċessarji, kienu: (i) €30.53 għall-mediċini skont irċevuti esebiti *a fol.* 71; (ii) konsultazzjonijiet ma' Dr Mario Vassallo, ċjoè żewġ irċevuti għas-somma totali ta' €55, *a fol.* 15; (iii) konsultazzjonijiet ma' Dr Malcolm Vella, ċjoè tliet irċevuti għas-somma totali ta' €270, *a fol.* 70. Komplessivament għalhekk bħala spejjeż mediċi u spejjeż ta' konsultazzjonijiet l-attur nefaq €355.53.

L-attur ressaq ukoll provi li huwa kien jaħdem mas-soċjetà Melita Power Diesel Limited u minħabba l-inċident inkwistjoni ma daħalx għax-xogħol mit-28 ta' Lulju sad-29 ta' Awissu, 2014 u għalhekk tilef *overtime* li hu u sħabu *welders* fuq ix-xogħol kienu normalment jagħmlu. Mid-dikjarazzjoni ta' **Alexander Gatt**[33], li dak iż-żmien kien il-*financial controller* ta' Melita Power Diesel Limited, u li xehed ukoll permezz ta' affidavit[34], jirriżulta li meta mqabbla ma' *pay slips* oħra tal-attur, dan effettivament tilef *overtime* ammontanti għal 55.5 sigħat bir-rata ta' siegħa, siegħa u nofs - u 5.5 sigħat bir-rata ta' siegħa. Mid-dokumentazzjoni ppreżentata, jirriżulta li l-ħlas tas-sahra li tilef l-attur fil-perjodu rilevanti kienet (55.5 x €9.375) + (5.5 x €12.50) = €589.07, li minnhom wara li jitnaqqas il-ħlas tas-Sigurtà Nazzjonali u t-taxxa, jammonta għal €516.15.

[31] *A fol.* 16 sa 18 u 41 sa 43.
[32] *A fol.* 20 sa 25.
[33] *A fol.* 9.
[34] *A fol.* 221.

*Lucrum cessans*

Xehdet it-tabiba **Dr Angela Sultana**[35], li spjegat li hi taħdem bħala House Officer fl-Isptar Mater Dei u kkonfermat id-*discharge letter*[36] meta l-attur ġie *discharged* mill-isptar wara l-inċident. Hi spjegat:

> "Kien daħal l-Emerġenza fit-28 ta' Lulju, fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija għax kienet laqtitu xi karozza u kellu *head injury*. Meta daħal l-Emerġenza kien *fully conscious* jikkomplejnja b'xi uġigħ f'għonqu, rasu u uġigħ fil-pexxun tal-lemin u kellu xi selħiet *over the body*. Ammettejnih, meta daħal l-Emerġenza *immobilized fully* biex nipproteġu l-għonq għax ma konnix nafu x'*injuries* kien hemm sakemm nagħmlu l-*x rays* u kollox. Kif daħal l-Emerġenza ……. nikkonferma li kien *fully conscious, level of assessment* …. biex naraw il-*conscious level* ta' dak li jkun u kien qed jikkomplejna bi *slight dizziness* imma kien jiftakar kollox ma kienx hemm *loss of consciousness*. Kien jiftakar kollox x'ġara qabel u waqt l-*event* u kollox. Meta rajnih l-Emerġenza kien qed jieħu n-nifs normali, ċirkolazzjoni kollox sew, meta eżaminajnih kellu ferita fuq in-naħa ta' wara ta' rasu. Kien hemm tnejn, waħda ta' 3 ċm., oħra ta' 2 ċm. u kellu ħafna selħit 'l hemm u 'l hawn. Iċ-*chest* kien kollox sew, *airway* kien kollox sew u *fractures* ma kienx jidher u żaqqu kien kollox sew ukoll. Għamilna *chest x-ray* u *x-ray* tal-ispallejn u ma kienx hemm ksur la tal-kustilji, ta' xejn. Imbagħad peress illi kien qed jikkomplejna b'xi uġigħ f'għonqu għamilna CT ta' rasu u CT tal-għonq. Dan ma wera xejn ħlief *diffuser of low signal intensity in the wide matter of the right frontal …* imma din kienet xi ħaġa skont ir-*radiologist* li għamel dan ir-rapport li dik ma kinitx relatata mal-*injury* li kellu. Kienet xi ħaġa antika mhux kawża tal-*head injury* li kellu u MRI *was suggested* li sar fis-7 ta' Settembru li reġa' ikkonferma li din kienet xi ħaġa antika u xejn relatata mal-inċident. L-istess żmien li daħal l-isptar peress li kien qed jikkomplejna b'uġigħ fil-pexxun tal-lemin, għamilna *ultrasound* biex naraw jekk hemmx xi *thrombosis* imma r-rapport kien li kienet *intra muscular trauma,* jiġifieri tbenġil kbir fil-*muscles* tal-pexxun. Aħna ammettejnih biex nosservawh mill-*head injury point of view* u dan baqa' *urogically u hymodynamically* jiġifieri mill-aspett tan-nervituri u ċ-

[35] *A fol.* 191 sa 195.
[36] *A fol.* 21 u 22.

> ċirkolazzjoni kollox kien stabbli u baqa' stabbli u ddisċarġjajnih mill-isptar fit-30 ta' Lulju."

Ix-xhud żiedet tgħid li sakemm l-attur dam l-isptar ma kellux *thrombosis,* iżda biss *haematoma.* In kontroeżami Dr Sultana spjegat li din it-tip ta' *injury* maż-żmien tfieq kompletament. Ix-xhud innegat ukoll li l-attur seta' kellu xi bidu ta' trombosi minħabba immobilità fl-isptar.

Xehed ukoll it-tabib **Dr Mario Vassallo**[37], li kien eżamina lill-attur fl-1 ta' Ottubru, 2014[38], u kien iċċertifikah li sofra trombosi, li skont ix-xhud tista' tkun ikkawżata minn kumplikazzjoni wara xi inċident għax wieħed ikun immobbli għal ċertu żmien, minħabba operazzjoni, mard u affarijiet oħra. In kontroeżami ix-xhud qal li l-attur kien mar għandu minħabba li kellu problema fil-musrana, għax hu kien speċjalistà tal-intern, speċjalment il-musrana u l-istonku, *gastro-enterologist.*

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport li sar mill-*consultant neurologist* Dr Malcolm Vella[39] fis-17 ta' Mejju, 2016, li però ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament[40], li kien ikkonkluda li b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża l-attur sofra diżabilità permanenti ta' tnejn fil-mija. Dr Vella ikkonkluda wkoll li għalkemm l-attur, meta kien mar għandu, ma kellu l-ebda effett mit-trombosi li kellu, li fil-fehma tiegħu kienet effett sekondarju tal-inċident, qal illi l-attur biż-żmien jista' jiżviluppa *"post-phlebitic limb (swelling and pain in the leg)"* u li f'tali każ kienet tiżdiedlu diżabilità addizzjonali ta' 15 fil-mija u kkonkluda li *"The possibility of this complication*

---

[37] *A fol.* 187 sa 190.
[38] *A fol.* 19.
[39] *A fol.* 66 sa 69.
[40] Lanqas l-irċevuti li jinsabu esebiti *a fol.* 70 ma ġew ikkonfermati bil-ġurament.

*needs to be taken in consideration when deciding the final percentage diability."*

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fl-ewwel lok irid jingħad li għalkemm il-konvenut Carlos Falzon kien kontumaċi, dan ma jfissirx li din hi xi forma ta' ammissjoni. L-istitut tal-kontumacja jew kontumelja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni:

> ""Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda, imma, invece, għas-supposizzjoni ta' remissjoni għall-ġustizzja tat-tribunal" (Kollez. **Vol. XLIII, P. I, p. 545**). Fi kliem ieħor, l-invokazzjoni tal-principju "*pro contumacies omnia jura clamant*" (Ara Kollez. **Vol. XXI, P. II, p. 234**);
>
> Minn dan isegwi illi "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut" **Giuseppe Wismayer *vs.* Giovanni Magro**, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 (Kollez. **Vol. XXIX, P. III, p. 35**). *Una volta* li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom" - **Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi *vs.* Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996."[41]

Barra minn hekk ġie ritenut ukoll illi:

> "Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni" u "skont kif dejjem ġie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata

[41] Appell Ċivili (Għawdex) fl-ismijiet **SMS Insurance Agency Limited *vs.* Irving & Co. Ltd.,** 07.07.2005.

> wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti".[42]

Illi għaldaqstant fejn tissusisti l-kontumaċja bħal fil-kawża odjerna, l-attur għandu tipprova l-każ tiegħu daqslikieku l-konvenut ikkontesta l-kawża.

Illi kwantu għas-sehem tal-intervenuta *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri[43], l-intervenuta ma tistax la tiġi kkundannata għall-ħlas tas-sorte u lanqas tal-ispejjeż u lanqas jista' titlob rimbors tal-ispejjeż tagħha. Rassenja dettaljata il-figura ġuridika tal-intervenut in kawża insibuha fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Fiorentino *et vs.* David Jones *noe.***[44]:

> "Il-Qorti tirreferi għal pronunzjament fil-kawża **Alex Azzopardi *vs.* Anna Ellul *et***, (PA, 29/10/2010) fejn għamlet riassunt ta' dawn il-prinċipji li jirregolaw il-materja u qalet hekk:
>
> Għalhekk, in suċċint, il-pożizzjoni tal-intervenut fil-kawża a distinzjoni tal-kjamat in kawża, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob għall-ħlas ta' l-ispejjeż tiegħu u anqas jista' jiġi ikkundannat għall-ispejjeż. L-intervenut ma jistax jiġi ikkundannat jew illiberat, fis-sens li sentenza ma tista' qatt tiġi esegwita mill-intervenut fil-kawża u viċe versa u normalment ma tistax sentenza tiġi esegwita kontra tiegħu. L-intervenut hu ikkonsidrat li mhux parti fil-kawża. L-intervenut fil-kawża għandu jkollu interess ġuridiku u mhux sempliċiment interess fl-eżitu. Hu jista' jitlob li jintervjeni, u għandu jiġi ammess li hekk jintervjeni, biex jipproteġi l-interessi tiegħu f'dik il-kawża partikolari u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati. Hu m'għandux id-dritt li jippreżenta eċċezzjonijiet ġja deċiżi.
>
> Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kap. 12 dwar il-kjamat in kawża jingħad li din għandha tiġi notifikata bir-rikors u titqies bħala kull konvenut ieħor u li bħala tali għandha jedd tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull

[42] P.A., **Ruth Apap *vs.* Noel Apap**, 30.06.1995 u P.A., **Reuben Belli *vs.* Yordon Marinov**, 23.02.2017.
[43] Artikolu 960 tal-Kap. 12.
[44] P.A., 05.11.2013.

eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut u tista' tiġi meħlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenut fil-kawża. L-intervenut ma jsirx leġittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'liġi espressa kunsidrat konvenut fil-kawża. Il-Qorti għandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża u għalhekk tiddeċiedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jippreżenta skritturi fil-kawża u jieħu parti attiva fid-diskussjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis illi għandha tintrabat magħhom biex tirregola dak li jista' u ma jistax jagħmel l-intervenut.

Bla dubju l-intervenuti għandhom interess ġuridiku dirett u soġġettiv f'dawn il-proċeduri billi d-deċiżjoni ser taffettwa l-proprjeta li tagħha huma proprjetarji. Kif intqal fis-sentenza **Testaferrata Bonici *et vs.* Micallef *et*,** (App Inf 10/01/2007):

Konformament mas-sistema proċedurali tagħna skond l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jidher illi kondizzjoni neċessarja biex terz jiddaħħal fil-każ hi dik li dan hu titolari ta' dritt soġġettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-domanda tiegħu biex jintervjeni għandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-oħra fuq l-istess oġġett sostanzjali tal-kawża, dan jiġġustifika dak li mill-prattiċi huwa denot bħala "simultaneus processus";

Bħala terz interessat ammess fil-proċeduri hu jista' anke *"sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata"* (Kollez. **Vol. XVI, P. I, p. 117**).
Huwa veru illi skont il-vot tal-liġi (Artikolu 960) l-intervenut fil-kawża ma jissospendix il-proċediment. B' danakollu, kif issokta jiġi enunċjat, "dan ma jfissirx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru għall-istruzzjoni tal-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu" (Kollez. **Vol. XXXII, P. I, p. 477**). Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tiegħu biex jiddaħħal fil-kawża, huwa kellu d-dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux deċiżi. Dan hu seta' jagħmlu anke billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u

jqajjem diskussjoni dwarhom. Ara "**Joseph Galea *vs.* Alfred Cardona**", Appell Kummerċjali, 28 ta' Lulju 1987 u l-każistika f' din kompendjata;"

*Ir-responsabbilità għall-inċident*

Tqis illi m'għandhiex għalfejn tiddilunga wisq dwar dan l-aspett, għaliex mill-provi miġjuba quddiemha tinsab konvinta li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża. L-attur li kien biż-żiemel fuq ix-xarretta ma jirriżultax li għamel xi moviment inkonsult, u jidher ċar anki minn kif irriżultaw il-ħsarat fuq wara tax-xarretta u fuq quddiem tal-vettura tal-konvenut lejn in-naħa tax-xellug, li kien il-konvenut li baqa' dieħel fil-xarretta. Il-vettura tal-konvenut, kif ammetta hu stess, kienet ġejja mill-istess direzzjoni tal-attur. Kif kien ammetta l-konvenut stess mal-Pulizija dakinhar tal-inċident, hu daħal fix-xarretta għax għalkemm ipprova jżomm il-*brakes,* il-vettura, fi kliemu ħarbitlu. Dan seta' jseħħ biss b'konsegwenza tan-negliġenza tal-konvenut, minħabba *speed* eċċessiv u nuqqas ta' *proper lookout.*

Mill-provi prodotti ma hemm xejn x'juri li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa għall-akkadut. Anzi fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid li kien rikeb fuq ix-xellug tax-xarretta biex kemm jista' jkun iżomm iż-żiemel fuq ix-xellug lejn il-bankina Kemm jekk il-konvenut ittenta jaqbeż ix-xarretta tal-attur u kemm jekk sab ix-xarretta ma' wiċċu f'daqqa, il-konvenut kien tenut li jieħu l-prekawzjonijiet kollha. Il-fatt li l-konvenut stqarr mal-Pulizija li sab ix-xarretta ma' wiċċu, huwa indikattiv li l-konvenut ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout* u li kien qiegħed isuq bi *speed* eċċessiv.

Dwar l-obbligu tas-sewwieq li jżomm *a proper lookout,* fis-sentenza fl-ismijiet **Godfrey Ciangura *vs*. Carmen German**[45] ingħad:

> "Jiġi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm "*proper lookout*".

Dwar id-dmir ta' kull sewwieq li jżomm *a proper lookout*, fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi *noe vs*. Michelle Cassar**[46], ingħad li:

> "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunement tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Ġie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver "to see what is in plain view"*[47] u li "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper lookout*".[48]

Illi fi **Newhaus N.D. *vs*. Bastion Insurance Co. Ltd**[49] il-Qorti Ingliża kienet irriteniet illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in*

[45] P.A., 03.07.2008.
[46] P.A., 06.11.1988.
[47] **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1963.
[48] **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1964.
[49] 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.

> *the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Tqis illi l-inċident ġara tort unikament tal-konvenut bis-sewqan traskurat u perikoluż tiegħu.

*Damnum Emergens*

Illi kwantu għad-danni realment sofferti mill-attur u li din il-Qorti tqis illi ġew ippruvati, hemm €30 tal-*mobile,* €650 tax-xarretta, €944 tal-*harness,* €110 bħala rifużjoni tal-bilanċ tal-miżati mhux utilizzati tal-Malta Racing Club, €220 bħala spejjeż ta' mediċini u servizzi veterinarji minfuqa fuq iż-żiemel, €3,000 bħala danni likwidati *arbitrio boni viri* għax iż-żiemel tal-attur wara l-inċident ma baqax itellaq il-Marsa, €355.53 għall-ispejjeż mediċi tal-attur u spejjeż oħra ta' ċertifikati mediċi u €516.15 telf ta' *overtime* kemm dam l-isptar.

Għaldaqstant bħala *damnum emergens* l-attur kellu **€5,825.68**.

*Lucrum Cessans*

Tqis illi r-rapport tat-tabib Malcolm Vella għandu jiġi skartat għalkollox, għax apparti li huwa bbażat fuq għadd ta' suppożizzjonijiet, m'għandux jikkostitwixxi prova għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, għax ma kienx

ikkonfermat bil-ġurament minn Dr Malcolm Vella, li lanqas biss kien indikat bħala xhud mill-attur u li ma xehedx f'dawn il-proċeduri.

Mill-provi esebiti in atti, partikolarment ix-xhieda ta' Dr Angele Sultana, jirriżulta li l-*injuries* li ġarrab l-attur fl-inċident inkwistjoni, partikolarment il-*haematoma*, ma ħallew ebda konsegwenza fit-tul, sakemm l-attur ġie rilaxxat mill-isptar. Jirriżulta wkoll li meta l-attur ġie eżaminat minn Dr Mario Vassallo, dan kien minħabba xi problema li l-attur kellu fl-musrana li ma kellha x'taqsam xejn mal-inċident mertu tal-kawża.

Evidentement il-Qorti trid tiddeċiedi fuq fatti u mhux supposizzjonijiet. Kif intqal fis-sentenza fl-isimijiet **Ir-Reverendu Daniel Farrugia *vs.* Gejtu Zammit *et***[50]:

> "Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju (ara P.A., DS, 13.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Nancy Caruana *vs.* Odette Camilleri**, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004).[51]"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Azzopardi *vs.* Fogg Insurance Agencies Ltd. *noe***[52] ngħad:

> "Il-qorti trid tibbaża d-deċizjoni fuq fatti u mhux supposizzjonijiet. Ċertament li m'huwiex faċli li f'każijiet bħal dawn ikollok prova. Però qegħdin fil-kamp ċivili. Kif ingħad fil-kawża ċitata mill-konvenuta[53]: "f'kawża ċivili d-*dolo* jista' jiġi

[50] P.A., 14.05.2015.
[51] Ara wkoll **Chef Choice Limited *vs*. Raymond Galea *et***, P.A., 26.09.2013.
[52] P.A., 16.09.2013.
[53] **Emanuel Ciantar *vs.* David Curmi *noe***, P.A., 28.04.2003.

> stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purkè s'intendi jkunu serji, preċizi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu imsejjaħ biex jiġġudika".

Tqis għalhekk illi l-attur bl-ebda mod ma pprova li sofra xi danni konsegwenza tal-inċident *de quo* li jistgħu jnaqqsulu mill-qligħ futur tiegħu. Jirriżulta mill-provi li jinsabu in atti li l-attur kien dispost li jikkuntenta ruħu jekk il-konvenut iħallsu biss tal-ħsarat li ġarrab (tad-*damnum emergens)*, kif kien ippromettilu l-istess konvenut. Jirriżulta mid-depożizzjoni tas-Surgent Maġġur Eugenio Caruana, sena u nofs wara l-inċident meta l-konvenut mar lura minn kellmtu u ma ħallasx lill-attur tad-danni, l-attur insista li jittieħdu passi kriminali kontra l-konvenut. Evidentement l-attur imbagħad ipprova ineffaħ kemm jista' l-*quantum* tad-danni li allegatament sofra u kien proprju għalhekk li l-Qorti qagħdet attenta li tillikwida biss dawk id-danni li ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi tal-proċeduri ċivili.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara lill-konvenut Carlos Falzon unikament responsabbli għall-inċident tas-27 ta' Lulju, 2014 fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala, fejn safa' mtajjar l-attur, iż-**

**żiemel tiegħu u x-xarretta tiegħu u dan minħabba nuqqas ta' attenzjoni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku u nuqqas ta' *proper lookout* min-naħa tal-konvenut;**

2. **Tiddikjara lill-konvenut Carlos Falzon responsabbli għad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident;**

3. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' ħamest elef, tmien mija u ħamsa u għoxrin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€5,825.68);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur l-attur fis-somma ta' ħamest elef, tmien mija u ħamsa u għoxrin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€5,825.68).**

**Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Frar, 2016 u bl-imgħax legali, li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.